# IL-BUŻAQQ

*Joe Cilia*

Fil-Gżejjer Maltin billi m'hawnx xmajjar jew agħdajjar kbar ta' l-ilma ħelu ma nsibux tipi ta' ħut ta' dawn l-ambjenti. L-eqreb li naslu huwa f'xi nħawi fejn il-ma ħelu jiskula mill-blat u jnixxi għall-baħar biex jifforma ambjent ta' ilma salmastru. Fejn hemm ilma bħal dan ġeneralment jiffurmaw agħdajjar mieħla *(salt marshes)* li fihom igħixu għadd ta' ħlejjaq u ħxejjex uniċi u mill-aktar interessanti. F'dan l-ambjent insibu wkoll xi tipi ta' ħut, bħal xi mulett jew bobin *(Grey mullet)* inkella xi bużullieqa *(Blenny)* li jitħajru jersqu 'l hemm minħabba li kapaċi jifilħu nuqqas jew żieda ta' melħ fl-ilma. Tgħix dejjem f'ambjent ta' dan it-tip insibu ħuta ċkejkna: il-bużaqq *(killifish)*. Għalkemm tgħix f'ilma salmastru, il-bużaqq tittollera ħafna kemm ilma ħelu kif ukoll l-ilma baħar. Din il-ħuta, li tlaħħaq xi 10 ċentimetri, hija ta' lewn minn aħdar skur jew kannella sa griż ileqq b'żaqq bajda. Fir-raġel insibu bejn 8 sa 15-il rig vertikali ta' kulur griż skur. Il-mara hija l-akbar, b'rigi vertikali rqaq li jvarjaw minn 5 sa 20, jew inkella jkollha biss ftit tikek skuri. Ħut f'ilma aktar mielaħ ikollhom aktar ilwien skuri minn dawk f'ilma ħelu.

Din id-differenza bejn ir-raġel u l-mara ġiegħlet lil numru ta' studjużi, inklużi l-Malti Gavino Gulia li fl-1861, jid-deskrivihom bħala speċi differenti. Sfortunatament Gulia ħaseb ukoll li din il-ħuta hija speċi ġdida u semmiha *Micromugil macrogaster,* u *Micromugil timidus* minkejja li kienet diġà ġiet deskritta bħala *Aphanius fasiatus* f'1827 minn Nardu fuq eżemplari ta' l-Adrijatiku. Illum bis-saħħa ta' studju aktar fond u komunikazzjoni aħjar bejn l-ittjoloġi (dawk li jistudjaw il-ħut) dan m'għadux jiġri.

Il-bużaqq tbid bejn Mejju u Awissu f'inħawi fejn l-ilma baħar jidħol 'il ġewwa, bħall-Marsa, Wied il-Għajn, is-Salina u l-Għadira. Hawnhekk il-baħar faċli jlaħħaq temperatura ta' xi 25°C. Il-bajd jitpoġġa mill-mara qalb il-weraq qishom ħjut tal-pjanti u algi ta' l-ilma, inkella tbidu fit-tajn tal-qiegħ. Ifaqqas wara xi 10 jew 14-il jum. Iż-żgħar igħixu moħbijin mill-kbar, u jieklu għadd ta' annimali u ħxejjex mikroskopiċi. Dan jagħmluh sakemm jikbru biżżejjed biex jaqbdu ħniex u gambli, kif ukoll ħut għadu jfaqqas, inkluż tagħhom stess. Il-ħut jimmatura wara xi sena jew sentejn li jkun faqqas, skond il-kundizzjonijiet ambjentali. Il-bużaqq igħix u jieklu fi gruppi mdaqqsa b'numru aktar ta' nisa milli rġiel.



Din il-ħuta tinstab imxerrda max-xtut ta' l-Italja, tul l-Adrijatiku, fil-Mediterran tal-Lvant (Greċja, Turkija, Ċipru, Sirja, Israel) u l-Afrika ta' Fuq mill-Eġittu sa l-Alġerija tal-Lvant. Jingħad li l-ħuta hija velenuża għal annimali żgħr. Hija wkoll użata għall-ikel f'xi nħawi ta' l-Italja, per eżempju fl-Isola San Pietro (Cagliari), mingħajr ebda dannu.

B'xorti ħażina, illum f'Malta l-ambjent ta' agħdajjar mielħa fejn jista' jitkattar il-bużaqq huma ftit u wħud minnhom huma fil-periklu li jinqerdu għal kollox. Mal-qerda ta' dawn l-agħdajjar il-ħlejqiet interessanti li jgħixu fihom jispiċċaw darba għal dejjem minn wiċċ artna. Fir-riserva ta' l-Għadira biss wieħed għadu jista' jgħid li l-bużaqq huwa ċert mill-futur tiegħu. ●

*Il-bużaqq mara tbid fil-weraq tar-*Ruppia *u l-irġiel jistennew biex idakkruhom jew jikluhom.*

**KORREZZJONI**

IL-BALLOTTRA *Natura* 7 paġ. 3

*Għalkemm il-ballottra tinstab f'Malta, s'issa din għadha qatt ma ġiet osservata f'Għawdex u f'Kemmuna.*